1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti u skritturi imsemmija fir-rikors.

2. Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta H.P. Cole Limited, tħallas lis-soċjetà attriċi flimkien u 'in solidum' mal-konvenuti l-oħra s-somma ta' €1,700,925.71 bilanċ għad-debitu fil-'Loan u l-Overdraft Accounts' tagħha mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien mal-imgħax ulterjuri, mill-11 ta' Settembru 2008, sad-data tal-effettiv pagament.

3. Tikkundanna lil Keith Cole iħallas lis-soċjetà attriċi flimkien u 'in solidum' mal-konvenuti l-oħra, f'din il-kawża s-somma ta' €1,232,238 parti mill-bilanċ għad-debitu fil-'Loan u l-Overdraft Accounts' tas-soċjetà H.P. Cole Limited, mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien mal-imgħax ulterjuri, mit-8 ta' Ġunju 2007, sad-data tal-effettiv pagament.

4. Tikkundanna lill-konvenuti Henry Paul Cole, Kenward u Ruth miżżewġin Cole u Kenneth Cole, iħallsu lis-soċjetà attriċi, flimkien u 'in solidum' bejniethom u mal-konvenuti l-oħra f'din il-kawża s-somma ta' €1,700,925.71 bilanċ għad-debitu fil-'Loan u Overdraft Accounts' tas-soċjetà H.P. Cole Limited, mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien mal-imgħax ulterjuri, mill-11 ta' Settembru 2008, sad-data tal-effettiv pagament.

5. Tikkundanna lil Kenward Cole, Kenneth Cole, Keith Cole u Kathleen Griscti Soler, aħwa Cole, bħala eredi tal-mejta Maria Stella Cole, flimkien u 'in solidum' iħallsu lis-soċjetà attriċi, kwart diviż kull wieħed tas-somma ta'

By means of a decree given on the 11th August 2009, in the records of the Sworn Application in the names Bank of Valletta plc (C 2833) vs H.P. Cole Limited (C 20) et, application number 281/09 JRM, the First Hall Civil Court, ordered the following publication for the purpose of service of the respondents, H.P. Cole Limited, Henry Paul Cole (ID 212520M), 3. Kenneth Cole (ID 647660M) 4. Kenward and Ruth spouses Cole (ID 541562M and 40465(M) in terms of Article 187(3) and 187(5) of Cap. 12.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court, in the names Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) vs 1. H. P. Cole Limited (C 20), 2. Henry Paul Cole (ID 212520M), 3. Kenneth Cole (ID 647660M), Keith Cole (ID70458M), Kenward Cole (ID541562M), Kathleen Grixti Soler (ID AFO74817077410399808) brothers and sisters Cole heirs of the deceased Maria Stella Cole, 4. Kenward and Ruth spouses Cole (ID 5412562M and 40465M) 5. Kenneth Cole (ID 647660M), 6. Keith Cole (ID 70458M) on the 23rd March 2009, the applicant Bank Bank of Valletta p.l.c. asked this Honourable Court:

1. To declare and decide that there occurred one or more of the events mentioned in the contracts and writings mentioned in the application.

2. Condemn the defendant company H.P. Cole Limited to pay the plaintiff company together and 'in solidum' with the other defendants the sum of €1,700,925.71 balance of debt its 'Loan and Overdraft Accounts' with the Bank of Valletta p.l.c. together with further interests, from the 11th September 2008, till the date of effective payment.

3. Condemn Keith Cole to pay the plaintiff company together and 'in solidum' with the other defendants, in this cause the sum of €1,232.238 part of the balance of debt in the 'Loan and Overdraft Accounts' of the company H.P. Cole Limited, with the Bank of Valletta p.l.c. together with further interest from the 8th June 2007, till the date of effective payment.

4. Condemn the defendants Henry Paul Cole, Kenward and Ruth spouses Cole and Kenneth Cole to pay the plaintiff company together and 'in soildum' between them and the other defendants in this cause the sum of €1,700,925.71 balance of debt in the –'Loan and Overdraft Accounts' of the company H.P. Cole Limited, with the Bank of Valletta p.l.c. together with further interest, from the 11th September 2008, till the date of effective payment.

5. Condemn Kenward Cole, Kenneth Cole, Keith Cole and Kathleen Griscti Soler, brothers and sisters Cole, as heirs of the deceased Maria Stella Cole, together and 'in solidum' to pay the plaintiff company one fourth divided part each of

€1,700,925.71 bilanċ għad-debitu fil-'Loan u Overdraft Accounts' tas-soċjetà H.P. Cole Lilmted, mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien mal-imgħax ulterjuri, mill-11 ta' Settembru 2008, sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż, kif jingħad fir-rikors.

Xhieda.

Elenku ta' Dokumenti Esebiti.

Soċjetà attriċi: Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
1/5, Misraħ San Ġorġ,
Valletta.

Konvenuti: 1. H.P. Cole Limited
65/66, Marina Street, Pietà.

2. Henry Paul Cole
15, Sir Adrian Dingli Street, Sliema.

3. Kenneth Cole
15, Sir Adrian Dingli Street, Sliema.

4. Kenward Cole
15, Sir Adrian Dingli Street, Sliema.

5. Ruth Cole,
15, Sir Adrian Dingli Street, Sliema.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) vs H.P. Cole Limited (C 20) et, rikors numru 281/2009 JRM, jinsab differit għat-3 ta' Novembru 2009, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 14 ta' Ottubru 2009.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

the sum of €1,700,925.71 balance of debt in the 'Loan and Overdraft Accounts' of the company H.P. Cole Limited, with the Bank of Valletta p.l.c. together with further interest, from the 11th September 2008, till the date of effective payment.

With costs as stated in the application.

Witnesses.

List of Documents exhibited.

Plaintiff company: Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
1/5, Misraħ San Ġorġ,
Valletta.

Defendants: 1. H. P. Cole Limited
65/66, Marina Street, Pietà.

2. Henry Paul Cole,
15, Sir Adrian Dingli Street, Sliema.

3. Kenneth Cole,
15, Sir Adrian Dingli Street, Sliema.

4. Kenward Cole,
15, Sir Adrian Dingli Street, Sliema.

5. Ruth Cole,
15, Sir Adrian Dingli Street, Sliema.

The Sworn Application in the names Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) vs H.P. Cole Limited (C 20) et, application number 281/2009 JRM, has been put off to the 3rd November 2009, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 14th October 2009.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1610

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fl-14 ta' Ottubru, 2009 fuq rikors ta' SANT IVAN (KI 260478M) ġie ffissat il-jum tal-Erbgħa, 18 ta' Novembru, 2009 fl-10.00 a.m. għall-BEJGĦ BL-IRKANT li għandu jsir f'149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand ABELA JOSEPH (KI 182355M).

Vettrina, bureau, television, skrivanija u affarijiet oħra.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa 16 ta' Ottubru, 2009.

MICHAEL PORTELLI, BA (HONS.), MA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 14th October, 2009 on the application of SANT IVAN (ID 260478M), Wednesday, 18th November, 2009 at 10.00 a.m., has been fixed for the SALE BY AUCTION to be held at 149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA of the following items seized from the property of ABELA JOSEPH (ID 182355M).

Showcase, bureau, television, desk and other items.

Registry of the Superior Courts, this Friday, 16th October, 2009.

MICHAEL PORTELLI, BA (HONS.), MA
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

1611

SUBBASTA 10/2002

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, fit-13 ta' Ottubru 2009 fuq rikors ta' APS Bank Limited (fl-Atti tas-Subbasta Nru. 10/2002 fl-ismijiet APS Bank Limited versus Mario Muscat et) ġie ffissat il-jum tat-Tnejn 21 ta' Diċembru 2009 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar u sakemm tiġi aġġudikata l-ogħla offerta pubblika għall-BEJGĦ BL-IRKANT li għandu jsir fl-edifizzju tal-Qorti ta' Għawdex, Misraħ il-Katidral, ir-Rabat, Għawdex tal-fondi hawn taħt deskritt.

1. Garaxx bla numru u mhux uffiċjalment market bl-ittra 'D' sottostanti proprjetà ta' terzi, mibni fuq parti diviża mill-art magħrufa bħala 'Ta' Wied Binġemma' fil-limiti tan-Nadur, Għawdex, konfinanti mit-Tramuntana u Nofsinhar ma' proprjetà ta' Mario u Edwin Muscat jew suċċessuri tagħhom fit-titolu, mill-Punent ma' triq ġdida bla isem fi Triq San Blas, stmat li jiswa €18,635.

2. Biċċa art magħrufa bħala 'Ta' Wied Binġemma' fil-limiti tan-Nadur, Għawdex, tal-kejl ta' circa 10,200 m.k. u tikkonfina mill-Grigal mat-triq, u mit-Tramuntana u Nofsinhar ma' proprjetà ta' suċċessuri fit-titolu ta' Mario Muscat u Edwin Muscat jew irjiet verjuri, stmat li jiswa €209,644.

3. Biċċa art oħra magħrufa bħala 'Ta' Wied Binġemma' fil-limiti tan-Nadur, Għawdex, tal-kejl ta' 7,826m.k. u konfinanti mil-lvant ma' proprjetà ta' Mario Muscat u Edwin Muscat jew suċċessuri tagħhom fit-titolu, minn Nofsinhar ma' passaġġ u mill-Punent ma' passaġġ ieħor, jew irjieħ verjuri, stmat li jiswa €139,762.40.

L-imsemmija fondi jappartjenu lil Mario u Edwin, aħwa Muscat.

L-imsemmija fondi jinbiegħu bħalma ġew deskritti mill-AIC Joseph Grech fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fl-4 ta' Awwissu 2004.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, illum 15 ta' Ottubru 2009.

JACLYN MAGRIN
Għar-Reġistratur
Qrati u Tribunali (Għawdex)

AUCTION 10/2002

By a decree given by the Court Of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, on the 13th October 2009 on the application of APS Bank Limited (Judicial Sale by Auction No. 10/2002 in the names of APS Bank Limited versus Muscat Mario et), the day of Monday 21st December 2009, from 9.00 a.m. to noon, and until the highest bid is adjudicated, has been fixed for the SALE BY LICITATION to be held at the Gozo Court's edifice in Cathedral Square, Victoria, Gozo, of the following property:

1. An unnumbered garage, unofficially marked with the letter 'D', underlying third party property, built on the divided part of the land known as 'Ta' Wied Binġemma' limits of Nadur, Gozo, bounded on the North and South by property pertaining to Mario and Edwin Muscat or their successors in title, on the west by a new unnamed road in Triq San Blas, valued at €18,635.

2. A plot of land known as 'Ta' Wied Binġemma' limits of Nadur, Gozo, measuring approximately 10,200 sq.m. and bounded on the Northeast by a road, and on the North and South by property pertaining to the successors in title to Mario Muscat and Edwin Muscat or correct boundaries, valued at €209,644.

3. A plot of land known as 'Ta' Wied Binġemma' limits of Nadur, Gozo, measuring approximately 7,826 sq.m. and bounded on the East by property pertaining to Mario Muscat and Edwin Muscat or their successors in title, on the South by a passage way and on the West by another passage way, or more correct boundaries, valued at €139,762.40.

The said properties belong to Mario and Edwin, siblings Muscat.

The said properties will be sold as described in the reports sworn to by Joseph Grech A. & C.E., on 4th August 2004.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, this 15th October 2009.

JACLYN MAGRIN
For the Registrar
Gozo Courts And Tribunals

1612

AVVIŻ
MIR-REĠISTRU
QORTI ĊIVILI (SEZZJONI FAMILJA)

Billi r-rikorrent Robert Cassar (KI 442579M) ippreżenta rikors ġuramentat (Nru. 286/09 NC) fejn talab il-KORREZZJONI TAL-ATT TAT-TWELID tal-minuri Beppe numru 1079/2009 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,
Illum 15 ta' Ottubru 2009.

CORA AZZOPARDI
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

NOTICE
REGISTRY OF THE
CIVIL COURT (FAMILY SECTION)

Whereas the plaintiff Robert Cassar (ID 442579M) filed an application under oath (No. 286/09 NC) demanding CORRECTIONS in the ACT OF BIRTH of the minor child Beppe number 1079/2009 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,
This 15th of October 2009

CORA AZZOPARDI
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

1613

SUBBASTA NRU. 8/2009

B'digriet mogħti mill-QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX), ĠURISDIZZJONI SUPERJURI, SEZZJONI ĠENERALI, fuq rikors ta' Emanuel Cardona et (Subbasta Numru 8/2009 fl-ismijiet Emanuel Cardona et vs Giovanna Hili) ġie ffissat il-jum tat-Tnejn, 11 ta' Jannar 2010 fid-9.00 a.m., u sakemm tiġi aġġudikata l-ogħla offerta pubblika, għall-BEJGĦ BL-IRKANT li għandu jsir fl-edifizzju tal-Qorti ta' Għawdex, Misraħ il-Katidral, ir-Rabat, Għawdex, tal-oġġetti hawn taħt deskritti.

1. Għamara antika inklużi gradenzi, vetrini, żewġ kanapè, lavaman bil-mera u gwardarobba.

2. Numru ta' nkwadri
3. Ħames siġġijiet u mejda
4. Kaxxa tal-injam
5. Żewġ sodod tal-ħadid
6. Magna tal-ħjata
7. Linfa
8. Meter tad-dawl u meter tal-ilma

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, illum 15 ta' Ottubru 2009.

JACLYN MAGRIN
Għar-Reġistratur,
Qrati Ċivili u Tribunali (Għawdex)

AUCTION NO. 8/2009

By decree given by the MAGISTRATES COURT (GOZO) SUPERIOR JURISDICTION, GENERAL SECTION, on the application of Emanuel Cardona et, (Judicial sale Number 8/2009 in re Emanuel Cardona et vs Giovanna Hili) Monday 11th January 2010 at 9 a.m. and until the highest bid is adjudicated, has been fixed for the SALE BY AUCTION to be held at the Gozo Court's edifice in Cathedral Square, Victoria, Gozo, of the following items:

1. Antique furniture including chest of drawers, show cases, two kanapè, wash hand basin with mirror and a wardrobe
2. A number of pictures
3. Five chairs and a table
4. A wooden box
5. Two iron beds
6. A sewing machine
7. A chandelier
8. A water and electricity meter

Registry of the Courts of Magistrate (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, this 15th October 2009.

JACLYN MAGRIN
For the Registrar
Gozo Courts and Tribunals

1614

SUBBASTA 16/2009

B'sentenza mogħtija mill-QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX), ĠURISDIZZJONI SUPERJURI , SEZZJONI ĠENERALI, fl-10 ta' Marzu 2009 fl-atti tal-kawża ċitazzjoni numru 38/2007 fuq rikors ta' Raymond Azzopardi et fl-atti tas-subbasta numru 16/2009 fl-ismijiet Raymond Azzopardi et vs Joseph Bonnici ġie ffissat il-jum tat-Tnejn 7 ta' Diċembru 2009 fl-10.30 a.m. u sakemm tiġi aġġudikata l-ogħla offerta pubblika għall-BEJGĦ BL-LIĊITAZZJONI b'digriet li ġie mogħti fit-13 ta' Ottubru 2009 u li għandu jsir fl-edifizzju tal-Qorti ta' Għawdex, Misraħ il-Katidral, ir-Rabat, Għawdex tal-fondi hawn taħt deskritti:

1. Il-fond bin-numri sebgħa (7) u tmienja (8) ġa numru tlieta (3) Triq il-Kbira, Sannat, ħlief għal dawk il-partijiet minnu hawn taħt indikati bħala formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, stmat li jiswa €139,762.

2. l-ispazju li darba kien okkupat bil-mitħna, bil-maqjel u bil-kamra ta' fuqu (illum demoliti) formanti parti mill-fond bin-numri 7 u 8, ġa numru 3, Triq il-Kbira, Sannat, Għawdex, stmat li jiswa €6,289.

3. l-art ta' Triq Seguna, Sannat ta' ċirka tliet sigħan jew kejl verjuri, stmat li jiswa €151,409.

4. l-art 'tal-Ħajt' sive 'ta' Dun Luqa' limiti ta' Sannat, tal-kejl ta' 1,786 metru kwadru stmat li jiswa €5,358.

5. Parti mill-art fi Triq Santa Marija, Sannat, Għawdex, stmata li tiswa €47,752.

6. L-art ta' fejn it-Torri, fit-Triq tal-Għarb, tkejjel 796 metru kwadru, stmat li jiswa €14,676.

7. L-art ta' fejn it-Torri, fi Triq l-Għarb, tkejjel 680 metru kwadru, stmat li jiswa €8,386.

8. L-art fi Triq l-Għasri, tkejjel 685 metru kwadru, stmat li jiswa €8,386.

9. L-art fi Triq ta' Ċenċ, Sannat, tkejjel 98.3 metri kwadri, stmat li jiswa €36,571.

10. L-art bejn Triq ta' Ċenċ u Triq Dun Xand Aquilina, Sannat, tkejjel 69 metru kwadru, stmat li jiswa €4,309.

11. L-art 'ta' taħt il-Belt', Għajnsielem, tkejjel 1,477 metru kwadru, stmat li jiswa €4,659.

AUCTION NO. 16/2009

By a judgment delivered by the COURTS OF MAGISTRATES (GOZO) SUPERIOR JURISDICTION, GENERAL SECTION, on the 10th March 2009 in record of summons 38/2007 on the application of Raymond Azzopardi et in the records of judicial sale by auction number 16/2009 in the names of Raymond Azzopardi et vs Joseph Bonnici Monday 7th December 2009 at 10.30 a.m. and until the highest bid is adjudicated, has been fixed for the SALE BY LICITATION ordered by a decree given on the 13th October 2009 to be held at the Gozo Court's edifice in Cathedral Square, Victoria, Gozo, of the following property.

1. Tenement number 7 and 8, formerly number 3, in Triq il-Kbira, Sannat, excluding those parts indicated below as forming part of the community of acquests, valued at €139,762.

2. The land that was once occupied by, the now demolished windmill, a pig-sty and the room above it, forming part of the tenement number 7 and 8, formerly number 3, in Triq il-Kbira, Sannat, Gozo, valued at €6,289.

3. The land in Triq Seguna, Sannat, measuring approximately 3 mondelli, valued at €151,409.

4. An area known as 'tal-Ħajt' sive 'ta' Dun Luqa', limits of Sannat, measuring approximately 1,786 sq. m, valued at €5,358.

5. Part of the land in Triq Santa Marija, Sannat, Gozo, valued at €47,752.

6. The land close to the tower, in Triq tal-Għarb, measuring 796 sq. m, valued at €14,676

7. The land close to the tower, in Triq l-Għarb, measuring 680 sq. m, valued at €8,386.

8. The land in Triq l-Għasri, measuring 685 sq. m., valued at €8,386.

9. The land in Triq ta' Ċenċ, Sannat, measuring 98.3 sq. m., valued at €36,571.

10. The land between Triq ta' Ċenċ and Triq Dun Xand Aquilina, Sannat, measuring 69 sq. m., valued at €4,309.

11. The land know as 'Ta' taħt il-Belt', in Għajnsielem, measuring 1,477 sq. m., valued at €4,659.

L-imsemmija fondi jappartjenu lil Franġisk u Giuseppa konjugi Apap, u se jinbiegħu bħalma ġew deskritti mill-AIC Edward Scerri fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fid-19 ta' Novembru 2003.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, illum 14 ta' Ottubru, 2009.

JACLYN MAGRIN
Għar-Reġistratur
Qrati uy Tribunali (Għawdex)

The said tenements are the property of Frangisk and Giuseppa spouses Apap and will be sold as described in the report sworn to by AIC Edward Scerri on the 19th November 2003.

Registry of the Courts of Magistrate (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, this 14th October 2009.

JACLYN MAGRIN
For the Registrar
Gozo Courts And Tribunals

1615

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fit-2 ta' Ottubru 2009 mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar (Għawdex), ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-avviż li jidher hawn taħt sabiex iservi ta' notifika għall-fini tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tal-konvenut Lorry Bugeja ta' 'Daħlet Mon Reve', Triq Daħlet Qorrot, Nadur, Għawdex:

Is-soċjetà Go plc (C.22334), ta' Spencer Hill, Marsa, Malta, ippreżentaw Avviż tat-Talba fit-Tribunal għal Talbiet Żgħar (Għawdex) – Talba Numru 2/2009 fl-ismijiet "Go plc vs Lorry Bugeja" – fis-6 ta' Jannar 2009 fejn talbu lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenut Lorry Bugeja jħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €496.06 dovuti in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jġib in-numru 21580083 (a/c 10192988) skont diversi kontijiet mibgħuta, flimkien mal-ispejjeż, l-imgħaxijiet u drittijiet legali.

Il-każ huwa differit għat-18 ta' Novembru 2009 fil-11.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex).

Illum 15 ta' Ottubru 2009.

JACLYN MAGRIN
Għar-Reġistratur

It is hereby notified that by virtue of a decree given on the 2nd October 2009, the Small Claims Tribunal (Gozo), ordered the publication of the subjoined notice for the purposes of service in respect of the defendant Lorry Bugeja of 'Daħlet Mon Reve', Triq Daħlet Qorrot, Nadur, Gozo, in terms of Section 187(3) of Cap. 12 of the Laws of Malta:

The company Go plc (C.22334), of Spencer Hill, Marsa, Malta, filed a Claim in the Small Claims Tribunal (Gozo) – Case Number 2/2009 in the names of "Go plc vs Lorry Bugeja" – on the 6th January 2009 wherein it requested the Tribunal to condemn the defendant Lorry Bugeja to pay plaintiff company the amount of €496.06, in connection with telephone service number 21580083 (a/c 10192988), as per various bills issued to defendant, together with costs, interest and legal expenses.

The hearing of this case is being deferred for the 18th November 2009 at 11.00 a.m.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo).

This 15th October 2009.

JACLYN MAGRIN
Deputy Registrar

1616

B'digriet mogħti fis-6 ta' Ottubru 2009, fl-Atti tar-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Demir Nadine vs Demir Ferhat, Rikors Ġuramentat Numru 181/09 AF, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni, biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-ismijiet Nadine Demir (KI 431579M) vs Ferhat Demir (KI 30923A) fl-4 ta' Ġunju 2009, ir-rikorrenti Nadine Demir, talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għar-raġunijiet imsemmija fir-rikors u tilqa' t-talbiet l-oħra msemmija fir-rikors.

By means of a decree given on the 6th October 2009, in the Records of the Sworn Application in the names Demir Nadine vs Demir Ferhat, Sworn Application Number 181/09 AF, the Civil Court (Family Section) ordered the following publication, for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Application filed in the Civil Court (Family Section) in the names Nadine Demir (ID 431579M) vs Ferhat Demir (ID 30923A) on the 4th June 2009, the applicant Nadine Demir asked this Honourable Court:

1. To declare the personal separation between the parties for reasons mentioned in the application and uphold the other demands mentioned in the application.

Bl-ispejjeż, kontra l-intimat li huwa minn issa inġunt in subizzjoni.

Lista ta' Dokumenti.

Lista ta' Xhieda.

Intimat: Sintra Apartments, 1B, Triq Bilbel, Buġibba, l/o San Pawl il-Baħar.

Ir-Rikors Ġpuramentat fl-ismijiet Demir Nadine vs Demir Ferhat, Rikors Numru 181/2009 AF, jinsab differit għas-smigħ għas-26 ta' Jannar 2010, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) illum 16 ta' Ottubru 2009.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

With costs, against the respondent, who is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

List of Documents.

List of Witnesses.

Respondent: Sintra Apartments, IB, Triq Bilbel, Buġibba, l/o, St Paul's Bay.

The Sworn Application in the names Demir Nadine vs Demir Ferhat, Application Number 181/2009 AF, has been put off for hearing to the 26th January 2010, at 9.00 a.m.

Registry of the Civil Court (Family Section) today 16th October 2009.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1617

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fit-12 ta' Ottubru, 2009 fuq rikors ta' TUG MALTA LTD ġie ffissat il-jum tal-Erbgħa, 25 ta' Novembru, 2009 fl-10.00 a.m. għall-BEJGĦ BL-IRKANT li għandu jsir f'MALTA SHIPPING LTD, IL-MOLL TAL-ĦATAB, MARSA tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand MALTA SHIPPING LTD.

Fork lifter Toyota
Generator Cummins

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 12 ta' Ottubru, 2009.

MICHAEL PORTELLI, BA (HONS.), MA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 12th October, 2009 on the application of TUG MALTA LTD, Wednesday, 25th November, 2009 at 10.00 a.m., has been fixed for the SALE BY AUCTION to be held at MALTA SHIPPING LTD, TIMBER WHARF, MARSA of the following items seized from the property of MALTA SHIPPING LTD.

Fork lifter Toyota
Generator Cummins

Registry of the Superior Courts, this Monday, 12th October, 2009.

MICHAEL PORTELLI, BA (HONS.), MA
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

1618

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fl-14 ta' Ottubru, 2009 fuq rikors ta' COPPINI RAY NOE (KI 4053M) ġie ffissat il-jum tat-Tnejn, 16 ta' Novembru, 2009 fis-2.00 p.m. għall-BEJGĦ BL-IRKANT li għandu jsir f'WINDSOR HOTEL, WINDSOR TERRACE, SLIEMA tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand AZZOPARDI RONALD ET (KI 700661M).

Fridges, gwardarobbi, side lamps, single beds, lampi u ħafna affarijiet oħra.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, 16 ta' Ottubru, 2009.

MICHAEL PORTELLI, BA (HONS.), MA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 14th October, 2009 on the application of COPPINI RAY NOE (ID 4053M), Monday, 16th November, 2009 at 2.00 p.m., has been fixed for the SALE BY AUCTION to be held at WINDSOR HOTEL, WINDSOR TERRACE, SLIEMA of the following items seized from the property of AZZOPARDI RONALD ET (ID 700661M).

Fridges, wardrobes, side lamps, single beds, lamps and many other items.

Registry of the Superior Courts, this Friday, 16th October 2009.

MICHAEL PORTELLI, BA (HONS.), MA
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

1619

B'digriet mogħti fil-11 ta' Ġunju 2008, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 193/2008 fl-ismijiet Awtorità tad-Djar vs Carl Engerer, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 17 ta' Jannar 2008.

Lil Carl Engerer - 24, Flat 2, Il-Mall, Floriana.

Bil-preżenti l-Awtorità tad-Djar tinterpellak sabiex taderixxi mal-kuntratt datat 30 ta' Novembru 2006, fl-atti tan-Nutar Enzo Refalo u partikolarment għal klawsola li tgħid:

'Dan il-konvenju qiegħed isir u jiġi aċċettat skont il-kondizzjonijiet fl-Avviż tal-Gvern numru sebgħin (70) tas-sena elfejn u erbgħa (2004) ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-ħamsa ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa (5.11.2004) liema kundizzjonijiet jiffurmaw parti integrali minn dan il-kuntratt, liema kundizzjonijiet il-kompraturi jiddikjaraw u jaċċettawhom'.

Issir ukoll referenza għall-Gazzetta tal-Gvern, li tgħid li inti għandek tippermeti lill-propjetarji tal-fond sottostanti li jżomm fuq il-bejt tiegħek tank tal-ilma, u jinstalla aerial tat-televiżjoni jew solar water heater fuq il-bejt tiegħek.

B'hekk inti obbligat li tippermetti lill-propjetarji tal-fond sottostanti jistalla l-imsemmi solar water heater.

Jekk tonqos li taderixxi l-mittent ser jipproċedi ulterjorment kontrik skont il-liġi sabiex taderixxi mal-kuntratt.

Bl-ispejjeż għal kull azzjoni spettanti lill-Awtorità tad-Djar.

Tant sabiex tagħraf timxi.

Din l-ittra hi anke rikjesta skont il-liġi.

Mittent: Awtorità tad-Djar - 12, Triq Pietro Floriani, Floriana.

Notifika: Carl Engerer, Maisonette 5, Trejqet Beatu Dun Ġorġ Preca, Pembroke.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 19 ta' Ottubru 2009.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given on the 11th June 2008, in the records of the judicial letter number193/2008, in the names Housing Authority vs Carl Engerer, the First Hall Civil Court, ordered the following publication for the puropose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the First Hall Civil Court

Today 17th January 2008.

To Carl Engerer - 24, Flat 2, The Mall, Floriana.

By the present the Housing Authority calls upon you to abide by the contract dated 30th November 2006, in the records of Notary Enzo Refalo and particularly the clause which states;

'This preliminary agrement is being made and accepted according to the conditions in the Government Notice number seventy (70) of the year two thousand and four (2004) published in the Government Gazzette of the fifth November two thousand and four (5.11.2004) which conditions form an integral part of this contract, which conditions the buyers declare abnd accept'.

Reference is also made to the Government Gazzette, which states that you are to permit the owners of the underlying premises to hold on your roof a water tank, and install a television aerial or solar water heater on your roof.

Thus you are obliged to permit the owners of the underlying premises to install the said solar water heater.

If you fail to abide the interpellant shall proceed further against you according to law to abide by the contract.

With the costs of any action pertaining to the Housing Authority.

So much so that you may know how to proceed.

This letter is even required by law.

Interpellant: Housing Authority - 12, Triq Pietro Floriani, Floriana.

Notify: Carl Engerer, Maisonette 5, Trejqet Beatu Dun Ġorġ Preca, Pembroke.

Registry of the Superior Courts, today 19th October 2009.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1620

B'digriet mogħti fid-9 ta' Settembru 2009, fl-Atti tar-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Anchor Bay Leisure Ltd vs Urpani Edgar, Rikors Numru 158/09 JZM, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà Jack Serra Limited, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ipprezentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Anchor Bay Leisure Limited vs Edgar Urpani u Jack Serra Limited, fid-19 ta' Frar 2009, ir-rikorrenti Anchor Bay Leisure Limited (C 36220) talbet l-intimati jgħidu għaliex, m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tikkundanna lill-intimati in solidum bejniethom li jħallsu lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta dsatax-il elf, seba' mija u disgħa u sebgħin Ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€19,799.67) ammont lilha dovut kif premess fir-rikors u dan bid-dispensa tas-smigħ a tenur tal-Artikolu 167 et, tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Bl-ispejjeż u bl-interessi legali, mit-30 ta' Mejju 2007, sad-data tal-hlas effettiv kontra l-intimati, li jibgħqu, minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Lista tax-xhieda.

Lista tad-Dokumenti.

Notifika: Jack Serra Limited, Old Bakery Street, Valletta.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Anchor Bay Leisure Ltd vs Urpani Edgar et, Rikors Numru 158/09 JZM, jinsab differit għat-2 ta' Novembru 2009, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 19 ta' Ottubru 2009.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given on the 9th September 2009, in the Records of the Sworn Application in the names Anchor Bay Leisure Ltd vs Urpani Edgar, Application Number 158/09 JZM, the First Hall Civil Court, ordered the following publication for the purpose of service of the company Jack Serra Limited, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court, in the names Anchor Bay Leisure Limited vs Edgar Urpani and Jack Serra Limited, on the 19th February 2009, the applicant Anchor Bay Leisure Limited (C 36220) asked the respondents to state why this Court should not:

1. Condemn the respondents in solidum between them to pay the applicant company the sum of nineteen thousand, seven hundred ninety nine Euro and sixty seven cents (€19,799.67) amount due to it as premised in the application and this without proceeding to a hearing in terms of Article 167 et, of the Code of Organisation and Civil Procedure.

With costs and legal interest, from the 30th May 2007, till the date of effective payment against the respondents, who are summoned so that a reference to their evidence be made.

List of witnesses.

List of Documents.

Notify: Jack Serra Limited, Old Bakery Street, Valletta.

The Sworn Application, in the names Anchor Bay Leisure Ltd vs Urpani Edgar et, Application Number 158/09 JZM, has been put off to the 2nd November 2009, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 19th October 2009.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1621

B'digriet mogħti fit-22 ta' Lulju 2009, fl-Atti tar-Rikors Ġuramentat, fl-ismijiet Gaetana Benamar vs Nader Benamar, Rikors Numru 230/09 AF, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors fl-ismijiet Gaetana Benamar (KI 102572M) vs Nader Benamar, ippreżentat, fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-17 ta' Lulju 2009, ir-rikorrenti talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

By means of a decree given on the 22nd July 2009, in the Records of the Sworn Application, in the names Gaetana Benamar vs Nader Benamar, Application Number 230/09 AF, the Civil Court (Family Section) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Application in the names Gaetana Benamar (ID 102572M) v Nader Benamar, filed, in the Civil Court (Family Section) on the 17th July 2009, the applicant asked this Honourable Court:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u tilqa' t-talbiet l-oħra msemmija fir-rikors.

Bl-ispejjeż, kontra l-intimat inġunt in subizzjoni.

Lista ta Xhieda.

Lista ta Dokumenti.

Esp. 22, Tumas Caruana Demajo Street, Ħamrun.

Int: YMCA Dar Niki Cassar, 182, Triq San Pawl, Valletta.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Benamar Gaetana vs Benamar Nader, Rikors Numru 230/09 AF, jinsab differit għat 12 ta' Jannar 2010, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) illum 19 ta' Ottubru 2009.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur,Qrati Ċivili u Tribunali

1. To pronounce the personal separation between the parties and uphold the other demands contained in the application.

With costs, against the respondent, summoned so that a reference to his evidence be made.

List of Witnesses.

List of Documents.

Interpellant: 22, Tumas Caruana Demajo Street, Ħamrun.

Respondent: YMCA, Dar Niki Cassar, 182, Triq San Pawl, Valletta.

TheSworn Application in the names Benamar Gaetana vs Benamar Nader, Application Number 230/09 AF, has been put off to the 12th January 2010, at 9.00 a.m.

Registry of the Civil Courts (Family Section) today 19th October 2009.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1622

Illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-24 ta' Settembru 2009, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Frank Borda Limited (C446) ta' Testaferrata Street, Msida, ippreżentaw Talba fis-6 ta' Lulju 2009, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Lee Camilleri (KI 237982M) ta' Għanjet il-Baħar, Triq il-Ħtajriet, Mosta, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €3,228.50 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (Talba Numru 564/09VGD) hija differita għat-22 ta' Ottubru 2009 fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 20 ta' Ottubru 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of 24th September 2009, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Frank Borda Limited (C446) of Testaferrata Street, Msida filed a Claim on the 6th July 2009 whereby they asked the Tribunal to condemn Lee Camilleri (ID 237982M) of Għanjet il-Baħar, Triq il-Ħtajriet, Mosta, to pay the plaintiff company the sum of €3,228.50 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 564/09VGD) is put off on the 22nd October 2009 at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 20th October 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1623

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja fit-23 ta' Jannar 2009, Rikors Numru 43/2009, mill-Avukat Ġenerali, Pawla Bonello, armla minn Ignatio Bonello, bint il-mejtin Michele Zammit u Michelina neé Grech, imwielda u residenti Qormi bil-karta tal-identità numru 124125(M) ġiet interdetta permezz ta' digriet mogħti fit-12 ta' Ottubru 2009.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja).

Illum 19 ta' Ottubru 2009

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 23rd January 2009, Application Number 43/2009 by the Attorney General, Pawla Bonello, widow of Ignatio Bonello, daughter of Michele Zammit and Michelina neé Grech, born and residing in Qormi holding Identity Card number 124125(M) was interdicted by means of a decree given on the 12th October 2009.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section).

Today 19th October 2009

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrat Civil Court and Tribunals

1624

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja fid-29 ta' Settembru 2009, Rikors Numru 649/2009 minn Josephine sive Ġuża, armla minn Joseph Spiteri u oħrajn, talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur l-istess Josephine sive Ġuża Spiteri, George, Nazzarena fis-seklu Sister Luisa, Doris armla minn Alan Handyside, Jane mart George Muscat, Maria mart Emanuel Abdilla, Angela mart Domenic Farrugia u l-eredità tal-mejjet Emanuel Camilleri, ilkoll aħwa Camilleri, u aħwa tad-decuius, u dan fi kwota ta' ottava parti (1/7) indiviża kull wieħed u waħda minnhom is-suċċessjoni ta' ħuhom Carmelo Camilleri, armel minn Teresa neé Borg, imwieled Mosta, kien joqgħod San Pawl il-Baħar u miet Pietà, fit-3 ta' Ġunju 2006 ta' 70 sena u kellu l-karta tal-identità numru 81836(M) bla testment.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur tal-Artikolu 537 (1) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja.

Illum 19 ta' Ottubru 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 29th September 2009, Application number 649/2009 by Josephine sive Ġuża, widow of Joseph Spiteri and others, whereby they prayed that it be declared open in favour of the same Josephine sive Ġuża Spiteri, George, Nazzarena in the world known as Sister Luisa, Doris widow of Alan Handyside, Jane wife of George Muscat, Maria wife of Emanuel Abdilla, Angela wife of Domenic Farrugia and the estate of the late Emanuel Camilleri, all brothers and sisters Camilleri, and brothers and sisters of the decuius, and this in the quota of one eight (1/8) undivided part each one of them the succession of their brother Carmelo Camilleri, widower of Teresa neé Borg, born in Mosta, resided in San Pawl il-Baħar, and died in Pietà on the 3rd June 2006 aged 70 holding identity card number 81836(M) intestate.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

Registry of the Civil Court Voluntary Jurisdiction Section.

Today 19th October 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrat Civil Court and Tribunals

1625

SUBBASTA NRU. 6/2008

B'sentenza mogħtija mill-QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX), ĠURISDIZZJONI SUPERJURI, SEZZJONI ĠENERALI, fl-14 ta' Novembru 1998, fl-atti tal-kawża Ċitazzjoni numru 227/1996 fl-ismijiet Eucharist Cassar vs Savio Spiteri ġie ffissat il-jum tat-Tnejn, 18 ta' Jannar 2010 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar, u sakemm l-ogħla offerta pubblika tiġi aġġudikata, għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-15 ta' Ottubru 2009 li għandu jsir fl-edifizzju tal-Qorti ta' Għawdex, Misraħ il-Katidral, Victoria, Għawdex tal-fondi hawn taħt deskritt.

1. Fond numru disgħa u sittin (69), Fountain Street, Fontana, Għawdex, stmat li jiswa €200,000.

L-imsemmi fond jappartjeni lil Savio Spiteri (K.I.: 16160G).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Guido Vella fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fl-4 ta' Diċembru 2008.

N.B. Il-proprjetà li ser tinbiegħ f'dan l-irkant tkun liberata b'kull offerta.

Reġistrutal-Qratital-Maġistrati(Għawdex),Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, illum 19 ta' Ottubru 2009.

JACLYN MAGRIN
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

AUCTION NO. 6/2008

By a judgment delivered by the COURT OF MAGISTRATES (GOZO) SUPERIOR JURISDICTION, GENERAL SECTION, on the 14th November 1998, in the records of summons 227/1996 in the names of Eucharist Cassar vs Savio Spiteri, the day of Monday 18th January 2010 from 9.00 a.m. to twelve noon, and until the highest bid has been adjudicated, as ordered by a decree given on the 15th October 2009, has been fixed for the SALE BY AUCTION, to be held at the Gozo Court's edifice in Cathedral Square, Victoria, Gozo, of the following property:

1. Tenement number sixty nine (69), Fountain Street, Fontana, Gozo, valued at €200,000.

The said tenement is the property of Savio Spiteri (I.D.: 16160G).

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn to by Guido Vella, A.&C.E., on the 4th December 2008.

N.B. The property sold in this auction will be adjudicated for any offer.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, this 19th October 2009.

JACLYN MAGRIN
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

1626

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM'AWLA fid-19 ta' Ottubru, 2009 fuq rikors ta' TSM DENIZ URUNLERI ġie ffissat il-jum tal-Erbgħa, 4 ta' Novembru, 2009 fl-10.00 a.m. li għandu jsir f'SEZZJONI SUBBASTA, QRATI TAL-ĠUSTIZZJA, TRIQ IR-REPUBBLIKA, VALLETTA tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand MALTA FISHFARMING LIMITED.

Ishma preferenzjali fil-kumpanija S. Ellul Ltd (C 17556) stmati li jiswew €232,937.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 19 ta' Ottubru, 2009.

MICHAEL PORTELLI, BA (HONS), MA
Ghar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 19th October, 2009 on the application of TSM DENIZ URUNLERI, Wednesday, 4th November, 2009 at 10.00 a.m., has been fixed for the SALE BY AUCTION to be held at SUBBASTI SECTION, COURTS OF JUSTICE, REPUBLIC STREET, VALLETTA of the following items seized from the property of MALTA FISHFARMING LIMITED.

Preference shares in the company S. Ellul. Ltd (C 17556) estimated to cost €232, 937.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 19 October, 2009.

MICHAEL PORTELLI, BA (HONS), MA
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*